**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 12 ta' Marzu 2020

Rikors Numru: 256/19 AL

**A B**

Vs

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-partijiet iżżewġu ġewwa l-Knisja Parrokjali ta' Ħaż-Zabbar fl-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn (2000), skond ma jirriżulta miċ-ċertifikat relattiv illi qed jiġi anness, esebit u mmarkat bħala Dok "A".

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet għandhom tlett itfal, D, E u F li għadhom ilkoll minorenni.

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mis-sitta ta' Diċembru tas-sena elfejn u sittax (2016) u dan skond ma jirriżulta mill-kuntratt ta' separazzjoni relattiv fl-atti tan-Nutar Ann Marie Agius, li kopja legali tiegħu qed tiġi annessa, esebita u mmarkata bħala Dok. 'B'.

4. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi, oltre li huma legalment separati, l-partijiet ilhom separati de facto sa' minn Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) ai termini tal-klawsola (v) tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, u jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin.

5. Illi in oltre ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet rigward il-ħlas ta' manteniment stante illi ai termini tal-klawsola 4(a) tal-imsemmi kuntratt il-partijiet iddekadew mid-dritt tagħhom illi jitolbu manteniment mingħand xulxin.

6. Illi dak illi jirrigwarda l-minuri l-manteniment qiegħed jiġi mħallas regolarment mill-partijiet għall-bżonnijiet tal-minuri ai termini tal-klawsoli 4(b)(i) u 4(b)(ii) tal-imsemmi kuntratt.

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq msemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-otteniment tad-divorzju skond l-Arikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku u dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li jihdrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti  li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-24 ta' Lulju, 2019;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx u ma pprezentatx risposta f'dawn il-proceduri;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta' Dicembru, 2016 u de facto separate sa mill-2013;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.